# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' GUNJU 2001**

Avviz Nru 672/99DM

Paul Chetcuti li jezercita l-kummerc
taht l-isem "Catwalk Productions"

vs

World Marketing Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghal-kundannah tas-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm368.50) bhala prezz ta' sponsorship lis-socjeta konvenuta moghti waqt il-"Miss Christmas Beauty Pageant" mizmum fis-7 ta' Dicembru 1997 skond il-kuntratt relattiv u kif ahjar deskritt fl-annessa mal-avvis invoice Dok A bl-imghaxijiet kummercjali mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 1998, u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra bonarji tal-hmistax (15) ta' Dicembru 1998, tas-sittax (16) ta' Frar 1999, ta' l-ewwel (1) ta' Marzu 1999 u tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 1999, kollox kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1) Illi l-pretenzjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-avveniment illi intalab il-hlas ghalieh ma sarx skond kif pattwit, kif ukoll il-video imwieghed lill-konvenuti ma nghatax lilhom u in oltre l-avveniment ma giex trazmess kif miftiehem

Rat l-affidavit tal-attur ippresentat fil-14 ta' Jannar 2000

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet:

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti tirrigwarda essenzjalment l-ezekuzzjoni fidila o meno ta ftehim li kien ghamlu dwar reklamar ta prodotti tal-konvenuti fil-"Miss Christmas Beauty Pageant" mizmum fis-7 ta' Dicembru 1997.

Ghalkemm ma sarx ftehim formali, inzammu minuti mill-attur ta dak li gie miftiehem verbalment u dawn gew komunikati lill-konvenuti ghall-habta ta Novembru 1997 kif ma teskludix Nancy Buhagiar, rappresentant tal-kumpanija konvenuta.

Ghalhekk dawn il-minuti (Dok PC1 a fol. 49) tal-process ghandhu jigi ritenut bhala l-punti saljenti tal-ftehim bejn il-kontendenti u l-obbligi assunti mill-attur huma dawk elenkati taht in-numri minn wiehed sa disa fl-istess dokument.

Inoltre jirrizulta ukoll illi l-attur kien ipprepara programm dwar l-avveniment, ta liema programme il-konvenut kienu ukoll hadu konjizzjoni.

Mid-deposizzjoni tal-istess Nancy Buhagiar jirrizulta li l-konvenuti irrifjutaw li jhallsu is-somma miftehma, mitluba f'dan l-avviz, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Matul il-programme l-isem tal-konvenuti kellhu jissemma u ma ssemmiex.
2. L-'On stage demo' kien jikkonsisti biss f'reklam zghir fuq il-gemb tal-istage
3. Is-serata ma deheritx 'live' fuq Smash TV
4. Il-'live promotional gimick' ( No. 14 fil-Programme a fol. 58) gie pprogrammat tard wisq fis-serata.
5. L-attur ma kkonsenjax 'video recording' tas-serata.

Minn ezami tad-dettalji tal-ftehim u c-cirkostanzi l-ohra kollha rizultanti mill-provi l-ebda wiehed mill-ilmenti tal-konvenuti ma huwa gustifikat. Infatti l-ftehim (Dok PC1) jiddeskrivi b'mod generali l-obbligi tal-attur u dawn gew ilkoll ezegwiti.

672/99DM

Ma jirrizulta ebda obbligu ta konsenja ta xi recording jew li t-trasmissjoni kellha tkun ‘live’; ma gie miftiehem ebda hin partikolari ghall-‘on stage gimmick’, la dwar id-daqs tar-reklami u lanqas dwar xi obbligu li kellha tissemma l-kumpanija konvenuta barra mis-‘slot’ destinata ghaliha.

Ghalhekk il-konvenuti ma humiex gustifikati li jippretendu hafna dettalji li ma gewx specifikati u li dwarhom ma ppruvawx li sar ftehim appositu, meta jirrizulta li accettaw *ftehim* approssimattiv u ma ghamlu ebda ilmenti fi zmien utili.

Inoltre lanqas ma jirrizulta li fil-fatt l-‘exposure’ li kienu qed jistennew il-konvenuti ma kienx ser jinghata kieku l-konvenuti utilizzaw il-facilitajiet ghad-disposizzjoni taghhom.

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa t-talba attrici u s-somma ta’ tlett mija u tmienja u sittin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm368.50) bhala prezz ta’ sponsorship lis-socjeta konvenuta moghti waqt il-“Miss Christmas Beauty Pageant” mizmum fis-7 ta’ Dicembru 1997, bl-imghaxijiet kummercjali mill-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti

…...............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22